MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta' Ġunju, 2018

Rikors Maħluf Numru 389/2018LM

**Valletta Cruise Port plc (C26469)**

***vs.***

**Patron Group Limited (C35360)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat mis-soċjetà attriċi **Valletta Cruise Port plc (C26469)** fis-26 ta' April, 2018 (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") li ġie maħluf minn André Parnis, debitament awtorizzat, li jgħid kif ġej:

1. *Illi s-soċjetà intimata għandha tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmintax-il elf, erba' mija u sbatax-il Euro u disga' u erbgħin ċenteżmu (€18,417.49), liema somma tirrappreżenta diversi invoices għal berthing u electricity shore supply u dan kif jirriżulta mill-anness statement u invoices immarkati bħala dok. A;*

2. *Illi dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut u għalkemm interpellata, is-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti;*

3. *Illi fil-fehma tas-soċjetà attriċi, il-konvenut m'għandux eċċezzjoni valida x'jagħti kontra din l-azzjoni u għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi sabiex it-talbiet tas-soċjetà attriċi jiġu deċiżi bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);*

*Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:*

*(1) Tgħaddi għas-sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u*

*(2) Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmintax-il elf, erba' mija u sbatax-il Euro u disa' u erbgħin ċenteżmu (€18,417.49) liema somma tirrappreżenta diversi invoices mhux imħallsa mis-soċjetà intimata u li għadhom dovuti sallum.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 11 ta' April, 2018 u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenut li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Mejju 2018, fejn wara li rat l-artikoli 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, appuntat il-kawża għas-seduta tat-18 ta' Mejju, 2018.

Rat illi s-soċjetà konvenuta ġiet debitament notifikata bir-Rikors Maħluf fit-28 ta' Mejju, 2018.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Ġunju, 2018 fejn għad illi s-soċjetà konvenuta **Patron Group Limited** (C35360) kienet debitament notifikata bir-Rikors Maħluf u bl-Avviż tas-Smigħ, ma deher ħadd biex jirrappreżentaha u ma deher ħadd biex jassistiha.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda ta' **Wallace Ciantar**, rappreżentant tas-soċjetà attriċi li kkonferma li mid-data li ġie intavolat ir-Rikors Maħluf, il-bilanċ dovut baqa' l-istess u ma sar ebda ħlas akkont mis-soċjetà konvenuta.

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' Ġunju, 2018 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Billi s-soċjetà konvenuta għad li kienet debitament notifikata, ma kellha lil ħadd jirrappreżentha fl-udjenza tal-11 ta' Ġunju, 2018 biex tgħid jekk kellhiex eċċezzjonijiet xi tressaq u tenut kont ukoll li s-somma pretiża mis-soċjetà attriċi ġie debitament rikonfermata mis-soċjetà attriċi, bil-ġurament ta' Wallace Ciantar in rappreżentanza tal-istess, tant li mill-preżentata tar-Rikors Maħluf is-soċjetà konvenuta baqgħet ma effettwat l-ebda pagament akkont lis-soċjetà attriċi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis illi għandha tgħaddi biex tippronunzja ruħha dwar it-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smigħ.

Illi għaldaqstant din il-Qorti hi sodisfatta li s-soċjetà attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

**Decide**

**Għaldaqtant għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ u dan a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tiddikjara lis-soċjetà konvenuta Patron Group Limited (C35360) hija debitriċi tas-soċjetà attriċi Valletta Cruise Port plc (C26469) fis-somma komplessiva ta' tmintax-il elf, erba' mija u sbatax-il Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€18,417.49);**

2. **Tikkundanna u tordna lis-soċjetà konvenuta Patron Group Limited (C35360) tħallas lis-soċjetà attriċi Valletta Cruise Port plc (C26469) is-somma komplessiva ta' tmintax-il elf, erba' mija u sbatax-il Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€18,417.49).**

**Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 11 ta' April, 2018 u bl-imgħaxijiet legali kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.